9 ta' Frar, 1954

Imhallef :
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Erminia Said *versus* Francis Ellul.

**Konkorrenza Sleali — Insenja — Ditta.**

*L-insenja ghandha tiġi distinta mid-ditta. Tista' tkun konformi mad-ditta, imma ma ghandhiex tiġi konfuża magħha.*

*Id-ditta hija l-isem li bih il-kummerċjant jassumi l-obligazzjonijiet u jakkwista d-drittijiet ta' l-azjenda li huwa jeżerċita; l-insenja, sija dik fantastika kemm dik nominativa, hija d-deżinjazzjoni ta' l-istabbiliment kummerċjali jew industrijali, apposta esterjorment biex tindika l-post fejn jiġi eżerċitat il-kummerċ jew tiġi eżerċitata l-industrija.*

*L-insenja tifforma oġġett ta' proprjetà ta' min ikun eskoġitaha l-ewwel wiehed; u dan ghandu d-dritt esklużiv fuqha ghal dejjem. U kwindi l-użurpazzjoni u l-imitazzjoni tagħha minn hadd iehor huma impediti mil-liġi u puniti jekk kommessi bl-intent ta' konkorrenza sleali.*

*Biex ikun hemm l-imitazzjoni ta' l-insenja ta' hadd iehor, ma hemmx bżonn ta' imitazzjoni servili, perfetta, tali li tingannà anki kumpratur intelliġenti, imma tibbasta imitazzjoni tali li tkun tista' tingannà bniedem ta' intelliġenza u diliġenza ordinarja.*

*Imma l-użu esklużiv ta' l-insenja huwa naturalment limitat ghall-post fejn hija taghmel il-funzjoni tagħha billi tirrikjama l-attenzjoni tal-publiku; u ghalhekk il-proprjetarju ta' azjenda ma jistax jimpedixxi lil hadd iehor li jagħmel użu minn insenja bhal tiegħu f'post iehor, f'belt ohra.*

*Però, meta dak l-iehor li jkun qieghed jagħmel użu f'post iehor minn insenja bhal tiegħu jiftah sukkursali fl-istess belt fejn il-proprjetaria oriġinali ta' l-insenja ikun qed juża din l-insenja, dan huwa intitolat jitlob li dak l-iehor jiġi projbit milli juża dik l-insenja ghal dik is-sukkursali li jkun fetah.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi hija l-unika proprjetarja ta' l-istabbiliment tal-hwejjeġ u oġġetti ohra affini taht l-isem "The White City", li qieghed il-Belt Valletta; u li l-konvenut fetah hanut ghall-

istess negozju bħal tagħha taħt l-isem "White City"; u li l-istess konvenut qiegħed juża dak l-isem bl-iskop evidenti li jikkrea konfużjoni bejn iż-żewġ azjendi u għalbiex jużufruwixxi indebitament min-notorjetà, kreditu u avvjament tad-ditta tagħha; talbet, prevja d-dikjarazzjoni illi l-użu mill-konvenut ta' l-isem "White City" fil-kummerċ minnu eżerċitat jikkostitwixxi att ta' konkorrenza sleali u illeċita, billi dan l-isem jista' jġib li l-azjenda tiegħu tiġi faċilment imħawda u mħallta ma' tagħha, illi l-istess konvenut jiġi inibit milli juża l-isem "White City" fil-kummerċ tiegħu. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tas-7 ta' Novembru 1952. B'riżerva ta' kull azzjoni oħra lilha spettanti, speċjalment għad-danni;

*Omissis;*

Tikkunsidra fil-fatt;

Illi ċirka 40 sena ilu ġie miftuħ ħanut fil-Belt Valletta bl-insenja "The White City", eżerċitat minn Joseph Said, li kellu ismu miktub żgħir fuq l-istess tabella taħt il-kliem fuq riferiti —liema ħanut, bil-mewt ta' l-imsemmi Joseph Said, għadda in pjena proprjetà għand l-attriċi, armla tiegħu. Dan il-ħanut baqa' dejjem fil-Belt, b'eċċezzjoni ta' perijodu relativament qasir fiż-żmien ta' l-immedjat wara-gwerra, meta kien miftuħ f'tas-Sliema, evidentement minħabba l-iskarsezza ta' ħwienet f'dik il-Belt, dovuta għad-distruzzjoni kbira li kienet saret bl-operazzjonijiet ta' dik il-gwerra. F'dan il-ħanut, li issa ilu snin li reġa' ġie meħud il-Belt, jinbiegħu drappijiet, boroż tan-nisa, jerseys, kalzetti u ngwanti tat-tfal, bjankerija tan-nisa u tat-tfal, u, fi ftit kliem, dak kollu li hu meħtieġ għall-ilbies tan-nisa u tat-tfal; u ġie li nbiegħu wkoll kpiepel;

Ċirka 27 sena ilu, il-konvenut fetaħ ħanut f'tas-Sliema bl-insenja "White City" u, taħt dawn il-kliem, ismu; u hu żammu dak il-ħanut dejjem f'tas-Sliema, sa ftit xhur qabel ma bdiet din il-kawża, meta fetaħ ħanut ieħor ġol-Belt Valletta bl-istess insenja, fejn qiegħed ibiegħ oġġetti lesti ta' l-ilbies ta' fuq u ta' taħt ta' l-irġiel, nisa u tfal; fi ftit kliem, kif xehed il-konvenut, "l-oġġetti kollha ta' l-irġiel, barra kpiepel, ġgieget, coats u raincoats, u l-ħwejjeġ kollha tan-nisa, barra minn coats, u l-ħwejjeġ kollha ta' l-ilbies tat-tfal, komprizi kalzetti u ngwanti";

Meta l-konvenut fetaħ l-imsemmi ħanut f'tas-Sliema, ir-raġel ta' l-attriċi ma kellnu xejn, għaliex deherlu li ma kienx ifixklu, billi kien qiegħed il-bogħod mill-ħanut tiegħu; però, meta l-istess konvenut fetaħ ġol-Belt Valletta l-imsemmi ħanut l-ieħor bl-istess insenja "White City", l-attriċi għamlitlu oppożizzjoni li jkompli juża għalih dik l-insenja; u billi huwa ma neħħihiex, ipproċediet kontra tiegħu b'din il-kawża;

Tikkunsidra fid-dritt;

L-ewwelnett, illi l-insenja għandha tiġi distinta mid-ditta. Tista' tkun konformi għad-ditta, imma ma għandhiex tiġi konfuża magħha. Id-ditta hija l-isem li bih il-kummerċjant jassumi l-obligazzjonijiet u jakkwista d-drittijiet ta' l-azjenda li jeżerċita. L-insenja, sija dik fantastika, sija dik nominativa, hija d-deżinjazzjoni ta' l-istabbiliment industrijali jew kummerċjali, apposta esterjorment biex tindika l-post fejn jiġi eżerċitat il-kummerċ jew tiġi eżerċitata l-industrija. Għalhekk l-insenja ma għandhiex tiġi konfuża mad-ditta — konfużjoni li fiha waqgħu anki ġuristi insinji u sentenzi ta' tribunali esteri. Dan qiegħed jiġi minn issa notat mhux biss għaliex l-attriċi, kif jidher mill-kontest ta' l-iskritturi u mill-kumpless tal-provi, ma qajmetx kwistjoni rigwardanti d-ditta tal-konvenut, imma biss l-użu ta' l-insenja fuq imsemmija għall-ħanut tiegħu tal-Belt, imma anki għaliex gran parti tal-kontenut tan-nota tal-konvenut jirrigwarda d-ditta, u mhux l-insenja, u għaldaqstant ma jista' jkollu ebda valur għad-definizzjoni ta' l-odjerna kwistjoni bejn il-kontendenti; għaliex, kif ġà ngħad, altru hija d-ditta u altru l-insenja:

U difatti, jikteb David Supino fil-manwali tiegħu ta' Dritt Kummerċjali :— "Ogni esercizio commerciale è fatto sotto un nome, cioè sotto una ditta costituita dal nome e cognome del commerciante, al quale possono anche aggiungersi altre indicazioni che servano a meglio distinguerlo da altri, eccezionalmente da un nome diverso da quella del commerciante stesso, come avviene allorquando una persona acquista ............ una ditta commerciale, e continua sotto questa ditta l'esercizio del commercio. Ove si tratti di società commerciali, la ditta o ragione sociale è costituita, di regola, per la società in nome collettivo, dal nome di uno o più soci, qualche volta dal

nome di uno o più soci coll'aggiunta "e compagno", ovvero "e compagni", se più sono i soci non espressamente nominati. Lo stesso avviene per le società in accomandita; ma della ditta di queste possono far parte i soli nomi dei soci illimitatamente responsabili, affinchè i terzi non sieno tratti in inganno........ La società anonima non ha vera e propria ditta, ma è designata dall'oggetto dell'impresa........... e di più deve corrispondere alla realtà delle cose, deve cioè essere vera e sincera...... Dalla ditta vuolsi distinguere l'insegna, che di solito i negozianti sogliono porre al di sopra dello stabilimento commerciale per meglio distinguerlo dagli altri; essa è costituita o dalla ditta del commerciante, alla quale spesso si aggiungono altre indicazioni o altri segni a meglio designare quello stabilimento commerciale, ovvero soltanto da queste indicazioni" (pag. 57 e 58);

Il-Professur Leone Bolaffio jispjega:— "La ditta è il nome con cui il commerciante assume le obbligazioni e acquista i diritti dell'azienda che esercita. Essa dunque non si stacca mai dal suo titolare per divenire un distintivo, una designazione reale dell'azienda, quasi si tratti di un elemento patrimoniale della medesima, come l'insegna ed il marchio. L'insegna nominativa di un negozio, di uno stabilimento industriale o commerciale, anche se conforme alla ditta, non va confusa con questa, nè può qualificarsi ditta. L'insegna (sia fantastica, sia nominativa) è la designazone dello stabilimento, industriale o commerciale, posta esteriormente per indicare il luogo dove si esercita l'industria od il commercio. La responsabilità personale si collega alla ditta, cioè alla persona del titolare dell'azienda, non alla designazione, sia pure nominativa, della sede dell'azienda. Sicchè, mentre può cedersi col negozio l'insegna nominativa, non può cedersi la ditta" (Cod. di Commercio Commentato, Vol. I, pag. 217);

L-insenja tista' tkun kostitwita minn kelma jew marka fantastika —mhux però minn kelma ġenerika li sservi biex tindika ram tal-kummerċ eżerċitat; tista' tkun emblematika; u tista' tkun nominativa, billi ġġib l-isem veru tal-propjetarju, mhux, bħala regola, l-isem ta' ħadd ieħor, jew denominazzjoni merament fantastika. Hija tiġbed il-kreditu tagħha minn

negozjan li jkun ħa-ibha u għamilha tiegħu; mbgħad gradatament tistakka rubha minn dawk ir-relazzjonijiet personali, tikkollega ruħha mal-postijiet mal-konswetudinijiet tan-negozju u tal-kommessi ta' dak in-negozju u tispiċċa biex issir, filkonvinzjoni komuni, is-sinjal ta' organiżmu ekonomiku kważi distint mill-proprjetarju, u b'hekk tikkostitwixxi dritt patrimonjali ta' valur ekonomiku spiss kbir ħafna, li jista' jkun anki akbar mill-valur ekonomiku tad-ditta; u dan għaliex, kif jgħid Cesare Vivante, "all'ombra della medesima si viene talora accumulando per parecchie generazioni il credito di un onesto lavoro......... perchè questa (la ditta) muta per lo più ad ogni mutamento di proprietà, mentre l'insēgna, trasmettendosi col negozio, ne perpetua la notorietà una volta acquistata (Vol. III, pag. 19);

L-insenja tifforma oġġett tal-proprjetà ta' min ikun eskoġitaha l-ewwel wieħed, u dan għandu d-dritt jużaha għal dejjem —dak li, del resto, jiddixxendi minn dak li fuq ġa ngħad; u kwindi l-użurpazzjoni u l-imitazzjoni tagħha minn ħadd ieħor hija impedita mill-liġi, u punita jekk kommessa blintent tal-konkorrenza sleali. U biex ikun hemm l-imitazzjoni ta' l-insenja ta' ħadd ieħor, ma hemmx bżonn imitazzjoni servili, preċiża, tali li tingauna anki kumpratur intelligentissimu, imma tibbasta imitazzjoni tali li tkun tista' tingauna bniedem ta' intelliġenza u diliġenza ordinarja. Dawna l-prinċipji ġew applikati mill-Qorti ta' l-Appell Tagħna fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Borg vs. Abela", fl-20 ta' Ottubru 1920;

L-insemmi Cesare Vivante jikteb, fl-imsemmija opera tiegħu:— "Chi pel primo adotta un'insegna, ne diviene proprietario legittimo, e ha diritto di usarne in perpetuo. Il titolo del suo acquisto sta nell'occupazione, la quale non offende l'interesse di alcuno; perchè nel fondo inesauribile delle figure fantastiche e delle parole combinate c'è un segno per tutti (pag. 20, no. 848)......... L-insegna è l'accessorio dell'azienda commerciale cui conserva e aumenta la clientela e ne segue le sorti (pag. 21, no. 850)........... L-insegna, che è il nome dell'azienda, la segue nei suoi cambiamenti di proprietà, come il segno di raccolta pei suoi clienti (pag. 22, no. 851)........... Il proprietario dell'insegna è protetto tanto contro l'usurpa-

zjone che contro l'imitazione che lo insidiano nel godimento della sua clientela. Egli può invocare questa tutela anche prima di averne sofferto un danno, anche se non riesca a provare che le due insegne furono realmente confuse dai suoi clienti; basta la possibilità della confusione perchè il suo diritto sia turbato, e quindi violato (pag. 26, no. 855).......... Ogni qualvolta dalla rassomigliaza di due insegne possa derivare la confusione di due avviamenti, il giudice condannerà il proprietario dell'insegna più recente a smetterne l'uso........... L'insegna che si può cambiare per un'altra manca al suo scopo, che è quello di distinguere, non di confondere; e quindi dev'essere repressa come una causa di turbamento giuridico (pag. 27, no. 855)'';

L-użu eskluživ ta' l-insenja hu naturalment limitat għall-post fejn hija tagħmel il-funzjoni tagħha billi tirrikjama l-attenzjoni tal-publiku. ''L'uso esclusivo dell'insegna è limitato ai luoghi ove si estende la sua forza di attrazione'' — Vivante, op. cit., pag. 23, no. 853. Għalhekk il-proprjetarju ta' aajenda ma jistax jimpedixxi lil ħaddieħor li jagħmel użu minn insenja bħal tiegħu f'post ieħor, f'belt oħra;

Però, meta dak l-ieħor li jkun qiegħed jagħmel użu f'post ieħor minn insenja bħal tiegħu jiftaħ sukkursali fl-istess belt fejn hu jkun qiegħed jużа dik l-insenja, huwa għandu d-dritt jitlob li dak l-ieħor jigi projbit li juża dik l-insenja għal dik issukkursali li jkun fetaħ— ''...........e quando vi aprisse una succursale'', igħid Vivante (pag. 24). ''è proibito a lui stesso di usare della medesima insegna, che in quella città non è più sua dacchè fu già adottata da altri'';

L-insinji professur ikompli jgħid illi jitbelja min, bħal Pouillet (citat mill-konvenut), u miegħu għall-istess raġunijiet Cottarelli, jaħseb illi l-insenja għandha tigi tutelata saħi barra l-belt jew il-post fejn tkun nata. Dawna, huwa jgħid, jeżageraw talment il-funzjoni ta' l-insenja, illi jikkonfonduha mad-ditti u mad-denominazzjonijiet ta' sotjetà; u jispjega wkoll għaliex. ''Chi crede che la tutela dell'insegna deve estendersi di mano in mano che si estende la rinomanza dell'azienda, anche fuori della città e per tutto lo stato, esagera la funzione dell'insegna fino a confonderla colle ditte e colle de-

nominazioni di società. L'insegna si rivolge solamente a coloro che frequentano o possono frequentare la sede dell'azienda; mira a impedire che scambino un negozio o un albergo per l'altro; mira a propagarne fra loro la rinomanza. Ma è il nome dell'impresa, sia esercitata da un commerciante o da una società commerciale, quello che serve a richiamare l'attenzione dei clienti lontani, a tenere la corrispondenza, a stipulare gli affari. Se a questo scopo si fa servire l'insegna, se ne altera la funzione. Secondariamente, si capisce che il nome di una società possa ottenere una protezione nazionale, poichè per mezzo dei pubblici registri e dei giornali ufficiali esso ottiene una pubblicità nazionale; ma l'insegna, che al più figura nei registri locali delle tasse e della questura, non può avere una difesa che vada oltre la città: manca ad essa quella pubblicità che potrebbe valere come diffida ai cittadini di tutto lo stato di non usarne, che potrebbe giustificare l'uso esclusivo dell'insegna e le sanzioni penali che ne colpiscono le usurpazioni" (Vol. 25, no. 853);

Tikkun-idra, kwantu għall-każ in diżamina;

Illi l-konvenut fetaħ sukkursali bl-insenja "White City" fil-Belt Valletta, fejn l-attriċi ġà kellha ħanut bl-insenja "The White City", għall-bejgħ ta' bosta mill-artikoli li bdew jinbiegħu fis-sukkursali li l-konvenut fetaħ fl-istess belt. Ma jistax ikun hemm dubju dwar ir-rassomiljanza taż-żewġ insenji, li minnha tista' tidderiva l-konfużjoni taż-żewġ avvjamenti; u kwindi, konformement għall-prinċipji fuq enunċjati, l-attriċi għandha d-dritt titlob li l-konvenut jiżmetti l-użu ta' dik l-insenja "White City" għas-sukkursali li fetaħ fil-Belt Valletta;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba ta' l-attriċi, fis-sens li tinibixxi lill-konvenut milli juża fl-insenja tas-sukkursali li fetaħ fil-Belt Valletta l-kliem "White City", u tipprefiġġilu t-terminu ta' tmint

qrem, dekorribili mil-lum, biex jirrimwovi dawk il-kliem mill-imsenja li qiegħed juża għall-imsemmija sukkursali li għà fetaħ fil-belt fuq imsemmija;

L-ispejjeż tal-kawża u relativi jissopportahom l-istess konvenut.

---